# ID-DAWL

JANNAR 2026 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 97

**"(Aħna nagħżlu) l-ilwien u l-kuluri (attributi) ta' Alla; u min hu dak li lewnu huwa aħjar minn ta' Alla? Aħna lilu biss inqimu."**




**L-Imħabba Divina** | **Mil-Lenti tan-Nisa** | **L-Ilbis tad-Deheb u l-Ħarir** | **Virtù waħda tnissel oħra**

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

# Nirriflettu dwar l-imħabba Divina: L-għan tal-ħajja tal-bniedem fil-Koran Imqaddes

***Imam Laiq Ahmed Atif***
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Il-Koran Imqaddes jagħmilha ċara li Alla ma ħalaqx lill-bnedmin għalxejn: **"Ħsibtu li ħlaqniekom għalxejn, mingħajr skop, u li m'intomx se titreġġgħu lura għandna?"** (Il-Koran, 23:116)

Dan il-vers jenfasizza li l-bnedmin inħolqu bi skop profond u nobbli — biex iservu bħala viċiġerenti u rappreżentanti ta' Alla fid-dinja u biex jirriflettu dwar l-attributi Divini Tiegħu. L-għan aħħari tal-ħajja tal-bniedem huwa li ninkorporaw dawn l-attributi f'qalbna u nuruhom fl-azzjonijiet tagħna, u b'hekk nagħmlu ħilitna biex niksbu l-qrubija lejn Alla.

Il-Koran Imqaddes jagħti struzzjonijiet lill-fidili biex jadottaw l-attributi ta' Alla: **"(Aħna nagħżlu) l-ilwien u l-kuluri (attributi) ta' Alla; u min hu dak li lewnu huwa aħjar minn ta' Alla? Aħna lilu biss inqimu."** (Il-Koran, 2:139)

L-aktar pedament qawwi għall-bini ta' din ir-relazzjoni ma' Alla huwa l-imħabba. Wieħed mill-ismijiet sbieħ ta' Alla huwa *Al-Wadood* — l-Aktar Imħabba. Huwa jiddeskrivi lilu nnifsu fil-Koran Imqaddes: **"Itolbu l-maħfra mingħand Sidkom, imbagħad duru nedmin lejh! Tassew, Sidi huwa Dejjem Ħanin, Kollu Mħabba."** (Il-Koran, 11:91)

**ID-DAWL**

JANNAR 2026 – Numru 97 – Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

INDEX

Reflecting Divine Love 02
God's love through women's eyes 04
Prohibition of wearing gold… 05
One virtue begets another 08

www.ahmadiyya.mt/id-dawl **Qoxra:** Godongphoto/Shutterstock.com



Amanda Carden/Shutterstock

L-imħabba ta' Alla għall-ħolqien Tiegħu, speċjalment l-umanità, hija immensa u bla qies. Bi tweġiba, il-bnedmin — kemm irġiel kif ukoll nisa — huma msejħin biex iħobbu lil Alla fuq kollox u jestendu dik l-imħabba għall-ħolqien Tiegħu. L-imħabba vera u aħħarija tagħna hija għal Alla, u l-forom l-oħra kollha ta' mħabba huma riflessjonijiet tagħha, li jimmanifestaw il-konnessjoni kondiviża tagħna u l-kompassjoni tagħna għall-oħrajn.

Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed[as], il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, jgħid:

"Alla huwa teżor prezzjuż; għalhekk apprezzawh dejjem, għaliex Huwa l-Ajjutant tagħkom f'kull pass li tagħmlu. Intom m'intom xejn mingħajrU, u lanqas ir-riżorsi tagħkom jew il-pjanijiet tagħkom ma jwasslu għal imkien… Alla huwa n-nixxiegħa tal-prosperità vera. Kif jistgħu n-nies jiksbu l-prosperità vera jekk mhumiex konxji ta' Alla Dejjiemi u Li Jipprovdi Kollox u huma injoranti u ma jagħtux kasU, u saħansitra jitbiegħdu Minnu? Imbierek huwa dak li jifhem dan is-sigriet u meqrud huwa dak li ma jifhmux.

Bl-istess mod, issegwux il-filosfi ta' din id-dinja u tkunux intimidati minnhom, għaliex dawn jimxu biss wara l-frugħat. Il-filosofija vera tinsab f'dak kollu li Alla għallimkom bil-Kelma Tiegħu. Dawk li jħobbu l-filosofija sekulari jinsabu f'rovina u dawk li ġenwinament irnexxew huma dawk li fittxew l-għarfien u l-filosofija vera fil-Ktieb ta' Alla. Għalfejn issegwu l-mogħdijiet tal-bluha? Intom se tgħallmu lil Alla dak kollu li huwa ma jafx? Intom tgħaġġlu biex timxu wara l-għomja ħalli jiggwidawkom huma? Ja boloh! Kif jista' dak li ma jarax jiggwidakom?"

# L-imħabba ta' Alla mil-lenti tan-nisa



FOTO Eak/Shutterstock

Fl-Iżlam, it-triq lejn il-qrubija u l-imħabba ta' Alla hija miftuħa bl-istess mod kemm għall-irġiel kif ukoll għan-nisa. Filwaqt li l-irwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom jistgħu jvarjaw, il-kapaċità tagħhom li jiksbu l-pjaċir, il-maħfra u l-premju ta' Alla hija l-istess.

Fil-qosor, l-għajn tal-imħabba ta' Alla hija miftuħa għal kulħadd — kemm irġiel kif ukoll nisa — jiddependi minna kemm nilħqu din l-għajn biex nitfu l-għatx spiritwali tagħna.

Il-Koran Imqaddes jafferma ripetutament l-ugwaljanza spiritwali tal-irġiel u n-nisa, u l-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, tipprovdi bosta eżempji ta' kif in-nisa ngħataw is-setgħa u ġew elevati spiritwalment fi ħdan it-tradizzjoni Iżlamika.

Skont l-Iżlam, it-toroq kollha biex jogħġbu lil Alla li huma miftuħa għall-irġiel huma miftuħa wkoll għan-nisa, kif jingħad fil-Koran Imqaddes:

"Tassew li l-irġiel ubbidjenti u n-nisa ubbidjenti, u l-irġiel li jemmnu u n-nisa li jemmnu, u l-irġiel devoti u n-nisa devoti, u l-irġiel onesti u n-nisa onesti, u l-irġiel li jistabru u n-nisa li jistabru, u l-irġiel umli u



n-nisa umli, u l-irġiel li jagħtu karità u n-nisa li jagħtu karità, u l-irġiel li jsumu u n-nisa li jsumu, u l-irġiel li jħarsu s-safa tal-partijiet privati tagħhom u n-nisa li jħarsu s-safa tal-partijiet privati tagħhom (il-kastità), u l-irġiel li jiftakru ħafna f'Alla u n-nisa li jiftakru ħafna f'Alla, Alla ħejja għalihom kollha l-maħfra u premju mill-aqwa." (Il-Koran, 33:36)

## Talb għat-tajjeb fiż-żewġ ħajjiet

**"Sidna, agħtina dak li hu tajjeb (kemm) f'din id-dinja kif ukoll fl-Oħra, u ħarisna mit-tbatija tan-Nar."** (Il-Koran, 2:202)

**"Wasslilna l-ġid f'din id-dinja kif ukoll f'li jmiss; aħna ersaqna lejk bi ndiema."** (Il-Koran, 7:157)

# Il-projbizzjoni tal-ilbis tad-deheb u l-ħarir mill-irġiel

Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, ipprojbixxa lill-irġiel milli jilbsu d-deheb u l-ħarir, iżda ppermettiehom lin-nisa.

Ali[ra] jirrakkonta: Jiena rajt lill-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jaqbad biċċa ħarir f'idu l-leminija u biċċa deheb f'idu x-xellugija u jgħid: L-ilbis ta' dawn it-tnejn [id-deheb u l-ħarir] huwa illegali (ipprojbit) għal dawk l-irġiel li huma dixxipli tiegħi. (*Abu Daud*)

"Tilbsux il-ħarir, għaliex dak li jilbsu f'din il-ħajja ma jilbsux fil-ħajja l-oħra." (*Bukhari* u *Muslim*)

"L-ilbis tal-ħarir u d-deheb sar illegali għal dawk l-irġiel li huma dixxipli tiegħi u leġittimu għan-nisa." (*Tirmidhi*)

Huzaifah[ra] jirrakkonta: "Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, ma ħalliniex nieklu jew nixorbu minn reċipjenti tad-deheb jew tal-fidda, u ma ħalliniex nilbsu l-ħarir u l-brukkat, jew li npoġġu fuqhom." (*Bukhari*)
(Meħuda minn *Gardens of the righteous*, p. 159-160)

# Għaliex l-irġiel Musulmani huma projbiti milli jilbsu d-deheb u l-ħarir?




Nick Voloshyn/Unsplash

L-Iżlam huwa stil ta' ħajja universali u komprensiv li jipprovdi gwida għall-aspetti kollha tal-eżistenza umana, tul iż-żminijiet u l-postijiet kollha. B'hekk, huwa jieħu inkonsiderazzjoni n-natura inerenti, l-irwoli u r-responsabbiltajiet tal-individwi. Fost it-tagħlim tiegħu, l-Iżlam ifittex li jippreserva d-distinzjoni naturali bejn l-irġiel u n-nisa—fiżikament, emozzjonalment, u soċjalment. Din id-distinzjoni hija riflessa fir-regolamenti differenti u l-imġibiet preskritti għal kull ġeneru. L-irġiel u n-nisa huma maħluqa b'karatteristiċi fiżiċi u emozzjonali distinti, u b'dan il-mod għandhom irwoli differenti minn xulxin. Pereżempju, fi żminijiet ta' gwerra, l-Iżlam primarjament jagħti r-responsabbiltà tal-ġlied lill-irġiel. In-nisa jistgħu jipparteċipaw fil-ġlied f'ċirkostanzi estremi biss meta ma tibqa' l-ebda għażla. Bl-istess mod, it-twelid tat-tfal u t-treddigħ huma responsabbiltajiet li naturalment u esklussivament jappartjenu lin-nisa.

Bi qbil ma' dawn l-irwoli differenti, l-Iżlam jistenna lill-irġiel li jfasslu ħajjithom fuq is-saħħa, ir-reżiljenza u r-responsabbiltà. L-ilbis ta' ornamenti bħad-deheb u l-ħarir, li huma assoċjati mal-finezza, il-lussu u t-tiżjin, ma jaqbilx man-natura u l-funzjoni tal-irġiel hekk kif murija fit-tagħlim Iżlamiku. Dawn l-oġġetti huma aktar addattati għan-nisa, li



l-irwoli u l-espressjonijiet ta' sbuħija tagħhom huma differenti ħafna minn tal-irġiel.

Kieku l-irġiel kellhom jilbsu l-ħarir u d-deheb, fl-aħħar mill-aħħar dan kien itebba' l-karattru ġewwieni tagħhom, għaliex jagħmilhom inqas kapaċi li jwettqu r-responsabbiltajiet li għalihom primarjament ġew maħluqa. Din, inġenerali, hija l-filosofija wara dan it-tagħlim.

Barra minn hekk, l-Iżlam jiskoraġġixxi bil-qawwa t-tirsiq tal-ġeneri lejn xulxin f'dak li għandu x'jaqsam ma' dehra u mġiba. Il-Qaddis Profeta Muħammad, il-paċi tkun fuqu, ipprojbixxa b'mod ċar li l-irġiel jimitaw lin-nisa u li n-nisa jimitaw lill-irġiel fl-ilbies u l-kondotta. Dan jinkludi li l-irġiel jilbsu d-deheb jew il-ħarir, u li n-nisa jadottaw dehriet jew stili ta' xagħar li jixbhu lil dawk tal-irġiel. Dawn ir-regolamenti mhumiex arbitrarji jew illoġiċi; pjuttost, huma parti minn qafas usa' li l-għan tiegħu huwa li jippreserva l-ordni naturali u l-integrità morali tas-soċjetà.

Fil-qosor, il-projbizzjoni tad-deheb u l-ħarir għall-irġiel Musulmani mhix kwistjoni ta' tiċħid, iżda dwar l-irbit ma' filosofija ogħla li tirrispetta l-irwoli, ir-responsabbiltajiet u n-natura kemm tal-irġiel kif ukoll tan-nisa. Hija ssaħħaħ il-valuri spiritwali u soċjali li l-Iżlam jipprova jnissel kemm fl-individwi kif ukoll fil-komunitajiet.

## Il-ġojjell tal-bniedem

Ħwejjeġ fini, deheb, fidda, u qligħ materjali mhumiex il-ġojjelli veri ta' persuna. Il-ġojjell veru tal-umanità jinsab fir-rispett, l-imħabba, il-kompassjoni, l-armonija, l-etikett, il-kortesija, it-tjubija, u l-morali u l-virtujiet nobbli. Kemm jingħad b'mod sabiħ li l-ħwejjeġ ma jagħmlux persuna; il-karattru jagħmel dan. Għalhekk, l-Iżlam jiggwida lill-umanità biex tiffoka fuq is-sbuħija ta' ġewwa aktar milli fuq id-dehra ta' barra biss.

Is-sbuħija ta' ġewwa għandha l-għeruq tagħha fil-valuri, il-virtujiet, l-għemejjel tajbin, il-pjetà, u t-tjieba. Meta persuna tkun mogħnija b'din is-sbuħija ta' ġewwa, m'hemmx bżonn li tipprova l-valur tagħha permezz tad-deheb, il-fidda, ħwejjeġ lussużi jew ta' ditta. Il-karattru veru jibqa' waħdu—mingħajr ġid materjali, sbuħija artifiċjali, jew wirja tad-dinja.

# Virtù waħda tnissel oħra

Din hija tabilħaqq liġi naturali ta' Alla li att ġust wieħed iwelled ieħor. Niftakar storja ta' wieħed xiħ li kien iqim in-nar, li ma kienx jemmen f'Alla li Jista' Kollox u qatt ma kien iqimu.

Darba waħda, għamlet ix-xita għal ħafna jiem, u għalhekk l-għasafar ma setgħux joħorġu jsibu l-ikel tagħhom. Matul dak il-perjodu ta' ħalbiet twal ir-raġel kien qed jitma' żrieragħ lill-għasafar fuq il-bejt ta' daru.

Raġel nobbli resaq lejh u qallu: "Xwejjaħ, x'qed tagħmel?" Huwa wieġeb: "Ħija, ix-xita ilha nieżla bla waqfien għal sitt jew sebat ijiem issa u għalhekk qed nitma' ftit qamħ lill-għasafar." "Tagħmel dan għalxejn," qal ir-raġel nobbli. "Int ma temminx, x'premju tista' tikseb għal azzjoni bħal din?" Ix-xwejjaħ wieġeb, "Żgur li se nirċievi l-premju tiegħi."

Ir-raġel nobbli jirrakkonta li mar għall-pellegrinaġġ lejn Mekka u ra lill-istess raġel xwejjaħ idur mal-Kabah (id-Dar ta' Alla f'Mekka) mill-bogħod. Ir-raġel nobbli stagħġeb meta ra dan u jirrakkonta li meta resaq lejh, ix-xwejjaħ kien l-ewwel wieħed li qallu: "Għalxejn jien tmajt iż-żrieragħ lill-għasafar jew jiena ħadtu l-premju tiegħi?"

Jiġifieri li minħabba dawk l-għemejjel tajbin Alla ggwidah lejn Alla Veru u Ħaj u b'hekk stabbilixxa relazzjoni mill-qrib ma' Alla l-Ħaj u stabbilixxa rabta tant soda Miegħu li għamel sforzi żejda biex imur għall-pellegrinaġġ.

Din l-istorja tfakkarna li l-premju ta' kwalunkwe għemil tajjeb qatt ma jinħela. Kull għemil tajjeb, anki jekk ikun żgħir kemm jista' jkun, jiġi ppremjat minn Alla li Jista' Kollox.

Issa wieħed għandu jirrifletti li Alla l-Ħanin lanqas biss ħela l-għemil tajjeb ta' wieħed li ma jemminx, allura kien se jħalli l-għemil virtuż ta' wieħed li jemmen imur fix-xejn?

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**